MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Numru 621/2013

Il-Pulizija

Spettur Christopher Pullicino
Spettur Robert Vella

vs

Joseph Demanuele
Maria Dolores Demanuele

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ 781957M u 710762M rispettivament akkuzati talli gewwa Santa Venera u f’imkejjen ohra f’dawn il-gzejjer fit-03 ta’ Marzu, 2011 u fix-xhur ta’ wara:

1. bil-hsieb li tiksbu ghalikom infuskom jew ghal haddiehor il-hlas ta’ flus ta’ sigurta’ kontra riskji, jew xi qliegh iehor mhux misthoqq, iddistruggejtu , xerridtu ‘l hawn u ‘l hemm jew gharraqtu b’xi mezz li jkun hwejjeg taghkom;
2. b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamiltu uzu ta’ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqdejtu b’qerq iehor, ingann, jew billi wrejtu haga b’ohra sabiex iggieghlu titwemmen l-ezistenza ta’intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqlu tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamiltu qliegh ta’ aktar minn hdax il-elf u hames mitt Ewro (€11,500) bi hsara ta’ Elmo Insurance Limited u/jew persuna/i ohra;
3. lqajtu ghandkom, jew xtrajtu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat jew b’kull mod li jkun indhaltu biex tbieghawhom jew tmexxuhom;

Semghat lill-imputati f’din l-ewwel udjenza jammettu l-akkuzi fuq liema insistew anke wara li l-Qorti taghthom hin jirrikonsidraw;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Fuq l-ammisjoni volontarja u inkondizzjonata  tal-imputati tiddikjarhom u ssibhom hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom.

Fil-konsiderazzjoni dwar il-piena l-Qorti rat il-fedini penali rispettivi taghhom u li l-ammissjoni giet registrata f’din l-ewwel udjenza.

Tiddeciedi : wara li rat l-Artikolu 298, 308, 334 u 17  izda mhux ukoll l-Artikolu 310(1)(a) li ma japplikax ghall-kaz tal-Kap 9 tillibera lill-imputati bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall tlett snin mill-lum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------